26 ta' Frar, 1945.

Imhallfin :

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D., *A/Pres.*

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri.,LL.D.

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Axiak *versus* Antonio Axiak et.

**Testment — Interpretazzjoni — Meta hija Permessa — Art. 381 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868.**

*F'materja ta' interpretazzjoni testamentarja, meta d-dispożizzjoni hija ċara, għandha tirċievi l-eżekuzzjoni tagħha bħala liġi li t-testatur ried jimponi, u mhux permess li ssir interpretazzjoni tal-volontà tat-testatur ħlief meta l-kliem minnu użat ikunu ċertament kuntrarju għall-volontà tiegħu.*

*L-intenzjoni tat-testatur għandha tinġibed mid-dispożizzjonijiet ta' l-istess testment, konfrontati anki mad-dispożizzjonijiet ta' testmenti oħra tiegħu, preċedenti jew susseqwenti, u mhux minn ma-*

*terja estranea għat-testment.*

*U hemm bżonn li jkun hemm motivi tajba biex wieħed jirritjeni li l-kliem użati mit-testatur kienu ntiżi minnu f'sens divers mis-sens tagħhom naturali.*

*Il-fatt li għal ċertu żmien, anki twil, il-werrieta ma tħarrkux biex jieħdu l-pretensjoni ta' wieħed minnhom, għax ħadu żball, jew kienu taħt impressjoni ħażina, ma jbiddelx il-kliem tat-testment.*

*Fil-każ ġie ritenut, kuntrarjament għal dak li kienet qatgħet l-Ewwel Qorti, li ma kienx hemm dik l-ambigwità meħtieġa biex tagħti lok għall-interpretazzjoni tat-testment.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re, li biha l-attur, wara li ppremetta illi Giuseppe Axiak, bin il-mejjet Antonio, ziju tal-kontendenti, fit-testment tiegħu fl-atti tan-Nutar Francesco Farrugia ta' l-10 ta' Novembru 1927 ħalla lilu d-dar ġol-Qrendi, Triq Parrokkjali, numru 23, il-lum 28, u li skond il-fehma tat-testatur dan il-legat jikkomprendi wkoll il-ħanut numru 24, il-lum numru 26, fl-istess triq, illi kien konfinat mad-dar u jagħmel korp bini wieħed magħha; u li huwa mill-mewt tat-testatur fil-21 ta' Novembru 1927, ipposjeda d-dar u l-ħanut flimkien; u li dan l-aħħar il-konvenuti ikkontestawlu d-dritt għal dan il-ħanut; talab li jiġi dikjarat u deċiż illi l-imsemmi ħanut nru. 26, Triq Parrokkjali, il-Qrendi, huwa kompriż fl-imsemmi legat favur tiegħu; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re, li biha ġiet respinta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti, bl-ispejjeż kontra tagħhom, u ġie deċiż għat-tenur tat-talba ta' l-attur, billi ġie dikjarat kompriż fil-legat imsemmi fiċ-ċitazzjoni l-ħanut nru. 26, ġa nru. 24, fi Triq Parrokkjali, il-Qrendi, mingħajr taxxa ta' l-ispejjeż; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-ħanut in kwistjoni huwa l-kamra laterali tan-naħa tax-xellug tad-dar imsemmija fiċ-ċitazzjoni numru 25, ġa numru 23, Parish Street, il-Qrendi. Dina d-dar infatti, kif jirriżulta mill-aċċess fuq imsemmi, għandha żewġ kmamar laterali; dik tal-lemin tinsab adibita bħala ħanut għar-rivendita

tal-laham, numru 24, ġa 22; l-oħra tax-xellug adibita bħala ħanut għall-ispaċċ tax-xorb numru 36, ġa 24. Il-ħanut għar-rivendita tal-laħam, fuq il-lemin, huwa konfinat mad-dar; l-ieħor għall-ispaċċ ta' l-ispirti, fuq ix-xellug, li huwa l-ħanut fil-kwistjoni, il-lum mhux aktar konfinat mad-dar, u ilu mhux konfinat mad-dar minn mindu minn ħanut ta' skarpar tbiddel f'ħanut tax-xorb, għaliex, kif xehed l-attur, il-Pulizija eżiġiet li jkun magħluq għalih............... Il-lum, kif intqal, dan il-ħanut mhux aktar konfinat mad-dar;

Il-ħanut fuq il-lemin, għar-rivendita tal-laħam, huwa dak indikat fl-ewwel dispożizzjoni ta' l-imsemmi testment ta' Giuseppe Axiak, ziju tal-kontendenti, fejn it-testatur ħalla b'titolu ta' legat "a suo nipote Giuseppe Axiak del fu Celestino (l-attur), nato e residente al Crendi, la bottega ad uso di bottega da vendere carne, sita al Crendi, Strada Parrocchiale, numero 22, assieme all'armatura quivi esistente". Il-ħanut tax-xorb, fuq ix-xellug, huwa dak indikat fit-tieni dispożizzjoni tat-testment fuq imsemmi, li biha t-testatur ħalla wkoll b'titolu ta' legat lill-imsemmi neputi tiegħu Giuseppe Axiak (l-attur) "tutta l'armatura che si trova nella bottega adibita ad uso della vendita di vini e spiriti sita al Crendi, Strada Parrocchiale, numero 24". Id-dar li tagħha l-imsemmijin żewġ ħwienet huma l-kmamar laterali, hija dik indikata fit-tielet u fir-raba' dispożizzjoni ta' l-istess testment, li bihom it-testatur ħalla wkoll lill-attur "tutto quello che si trova nella casa di abitazione del testatore sita al Crendi, Strada Parrocchiale, numero 23, escluso il denaro ed i titoli che lo rappresentano................" (it-tielet dispożizzjoni), u bħala legat ukoll "la casa al Crendi, Strada Parrocchiale, numero 23, in piena proprietà", taħt ċerti obligi (ir-raba' dispożizzjoni);

Illi l-pretensjoni ta' l-attur hija dik illi la darba t-testatur ħalla lilu d-dar, billi ż-żewġ ħwienet minn naħa waħda u mill-oħra tad-dar jiffurmaw parti mill-istess korp ta' bini, avvolja l-ħwienet għandhom bieb għat-triq bin-numri tagħhom, kellhom jiġu kunsidrati bħala formanti parti mid-dar, u kwindi l-legat tad-dar jikkomprendi dawk iż-żewġ ħwienet;

Illi l-konvenuti, minn naħa l-oħra, jippretendu illi ġa la

darba t-testatur fl-ewwel dispożizzjoni semma li kien qiegħed iħalli lill-attur, bħala legat, il-ħanut għar-rivendita tal-laħam fuq il-lemin, dan għandu jfisser li huwa ma riedx jikkomprendi l-ħwienet mad-dar; u la darba fit-tieni dispożizzjoni semma li kien qiegħed iħalli lill-attur l-armatura tal-ħanut l-ieħor tax-xorb in-naħa tax-xellug, u ma semmiex, kif għamel fl-ewwel dispożizzjoni għar-rigward tal-ħanut tal-laħam, li kien qiegħed iħalli l-ħanut, dana għandu jfisser illi, fil-waqt li huwa ried iħallilu l-ewwel ħanut, ma riedx iħallilu wkoll il-ħanut in kwistjoni. Il-konvenuti jissottomettu illi t-testment għandu jiftiehem kif huwa miktub, u hija regola li mhix permessa interpretazzjoni ta' kliem ċar;

Illi s-suċċitata dispożizzjoni li fiha jissemma l-ħanut in kwistjoni, kunsidrata weħedha, ma toffri ebda ambigwità, u per konsegwenza ma tagħtix lok għall-interpretazzjoni; għaliex l-espressjoni tat-testatur hija ċara, u "quum in verbis nulla ambiguitas sit, non debet admitti voluntatis quaestio", (L. 25, par. 1, D. De Legatis 1). Jingħad ukoll fl-artikolu 708 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, illi meta l-espressjonijiet ta' konvenzjoni huma ċari, ma hemmx lok għall-interpretazzjoni;

Illi però, dispożizzjoni ċara fiha nnifisha tista' ssir ambigwa, kunsidrata in rapport għal dispożizzjonijiet oħra tat-testatur. "Interpretatione opus est vel quum suprema ordinatio sola spectata ambigua est, vel quum ex pluribus supremis ordinationibus invicem spectatio, et quae sibi adversari videntur, ambiguitas nascitur" (Pothier, Pand. Tit. De Legatis, para. 2A, sec. 1);

Illi f'dan il-każ l-istruttura tat-testment, u prinċipalment l-erba' dispożizzjonijiet, jirrendu ambigwa d-dispożizzjoni għar-rigward tal-ħanut in kwistjoni, jekk jiġifieri kienetx il-volontà tat-testatur li jħalli lill-attur id-dar bl-oġġetti mobili kollha ta' ġo fiha, kompriża l-kamra laterali adibita għall-ħanut tal-laħam, bl-armatura, u l-armatura biss li hemm fil-kamra laterali l-oħra adibita għall-ħanut tax-xorb in kwistjoni, u mhux ukoll il-proprjetà ta' din il-kamra, jew jekk kienetx inveċi l-volontà tat-testatur illi jħalli lill-attur, li kien

joqgħod miegħu sa mewtu, id-dar fuq imsemmija fejn kien jabita t-testatur, u l-imsemmijin żewġ ħwienet kunsidrati bħala formanti korp ta' bini wieħed mad-dar, bl-oġġetti kollha mobili ta' ġod-dar u bl-armatura li kien hemm fl-istess ħwienet. Tant huwa dan veru, illi l-istess konvenuti, illi l-lum qegħdin igħidu illi l-ħanut in kwistjoni mhux kompriż fl-imsemmijin dispożizzjonijiet, għal sbatax-il sena wara l-mewt tat-testatur baqgħu taħt l-impressjoni illi d-dar u ż-żewġ ħwienet kienu ġew imħollija lill-attur;

Illi l-istruttura tat-testment turi illa meta t-testatur semma l-ħanut tal-laħam fl-ewwel dispożizzjoni ma indikahx sabiex..............;

*Omissis;*

Illi dak li ntqal fuq huwa avvalorat mill-fatt illi jekk jiġi eskluż il-ħanut in kwistjoni, it-testatur iddispona.........
It-testatur, wara li ddispona mid-dar fuq imsemmija u għadda biex jiddisponi b'legati mill-proprjetà immobiljari l-oħra kollha tiegħu, ma daħħalx ukoll il-ħanut in kwistjoni, appuntu għaliex kien ġa ddispona minnu favur l-attur meta ħalla lil dana l-aħħar id-dar fuq imsemmija li minnha jifforma parti l-ħanut;

Fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti;

Illi l-preskrizzjoni invokata mill-konvenuti ma tistax tiġi milqugħa. Huma infatti invokawha billi ilhom aktar minn għaxar snin minn mewt it-testatur proprjetarji, b'titolu bħala eredi tat-testatur in forza ta' l-imsemmi testment tiegħu, tal-fond in kwistjoni. Dan it-titolu iżda ma jeżistix, għaliex għar-raġunijiet fuq indikati, it-testatur ma jattribwix il-fond lilhom bħala eredi, imma lill-attur;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti, u rat il-petizzjoni tagħhom fejn talbu illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata fis-sens li tiġi konfermata in kwantu għall-kap ta' l-ispejjeż, u tiġi revokata in kwantu laqgħet id-domanda ta' l-attur, billi jiġi deċiż għall-esklużjoni tad-domanda ta' l-istess attur bl-ispejjeż kontra tiegħu, anki ta' din l-istanza;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi mir-riżultanzi proċesswali, u speċjalment mill-aċċess miżmum mill-Ewwel Qorti "in faciem loci", jidher illi l-ħanut in kwistjoni kien originarjament waħda mill-kmamar laterali..............;

Illi t-testatur Giuseppe Axiak, li kien jiġi z-ziju tal-kontendenti, bit-testment tiegħu fl-atti tan-Nutar Francesco Farrugia ta' l-10 ta' Novembru 1927 (fol. 6)..............;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellat jippretendi li bid-dispożizzjoni favur tiegħu tad-dar il-Qrendi, Strada Parrocchiale, numru 23 anki l-ħanut tax-xorb........... ġie mħolli lilu billi din kienet il-fehma tat-testatur;

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti bis-sentenza tat-2 ta' Mejju 1921 fil-kawża "Camilla Mallia vs. Carlo Mamo et." (Kollez. Vol. XXIV — I — 729), *irriteniet li f'materja ta' interpretazzjoni testamentarja*, "quando la disposizione è chiara, essa deve ricevere la sua esecuzione come esprimente la legge che il testatore ha voluto imporre; lo dissero già i giureconsulti romani, "non aliter a significatione verborum recedi oportet quam cum manifestum est aliud sensisse testatorem" (Dig. Lib. XXXII. 3, *De Legatis et Fideicommissis*, leg. 69). Si deve quindi tralasciare la lettera dell'atto solo quando si è certi che essa sia in opposizione alla volontà del testatore; poichè quando tale volontà si trova chiaramente e formalmente espressa, non è permesso di interpretare i termini di cui il testatore si è servito per far conoscere la sua volontà, poichè altrimenti si correrebbe il rischio di far prevalere una intenzione sempre dubbia alla lettera certa";

F'sentenza oħra mogħtija minn din il-Qorti fit-22 ta' Ġunju 1931, fil-kawża "Concetta Gabarretta vs. Teresa Spiteri" (Kollez. Vol. XXVIII — I — 117) jinsab riportat dak li ġej:— "Che l'articolo 381 dell'Ordinanza VII del 1868 dispone che qualunque disposizione testamentaria che fosse fatta sotto la denominazione di istituzione di erede, sia che fosse fatta sotto la denominazione di legato o sotto qualsiasi altra denominazione, produce il suo effetto, purchè sia enunciata

in modo che la intenzione del testatore possa essere conosciuta e non sia contraria alla legge. Con il detto disposto di legge il legislatore volle più chiaramente sanzionare il principio doversi l'intenzione del decuius ricavare dalle disposizioni testamentarie e non da materia estranea al testamento, per evitare il pericolo che si potesse creare una disposizione non dettata dal testatore e che per ciò stesso fosse da lui non voluta. Il legislatore con la detta norma legislativa volle ripudiare la teoria, pur troppo accettata da alcuni scrittori ed applicata anche in diversi giudicati, secondo cui, nel caso di dubbia ed oscura interpretazione, si possa attingere la interpretazione dal detto di testimoni o da altre congetture indipendentemente dalle parole usate nel testamento"; u iżjed 'il quddiem l-istess sentenza tkompli tgħid li "da ciò conseguita che la intenzione del disponente deve ricavarsi dalle viscere della stessa disposizione, messa certamente in confronto di tutte altre disposizioni del testamento o di altri testamenti, precedenti o susseguenti";

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-Maestà tar-Re, fis-sentenza tal-4 ta' Novembru 1881, in re "Ursola Dimech et. vs. Conte Giovanni Sant Barone Cassia" (Koliez. Vol. IX, pag. 558), sostniet li "in fatto di testamenti è la legittima vôlontà del testatore la suprema legge da seguire; le regole astratte si devono conciliare tra loro ed applicare secondo la varia fisionomia dei fatti che in pratica occorrono; ove però le parole di una disposizione testamentaria non offrono ambiguità, il senso chiaro non è nell'atrui giudizio di alterarlo, dandone diversa esecuzione; non altrimenti insegnò l'antica sapienza del diritto—'non aliter a significatione verborum recedi oportet quam cum manifestum est aliud sensisse testatorem'—vi devono concorrere giusti motivi da far credere che il testatore abbia inteso le parole adoperate in senso diverso dal naturale, cioè quello che il comune discorrere suol dare; e tra i giusti motivi sarebbe la contradizione delle disposizioni con quel senso naturale, sarebbe la inutilità della disposizione in tale senso presa, senza nel resto prescindere da altra regola nel diritto 'semper in obscuris quòd minimum est sequimur'—leg. 9, ff.

de reg., jur."

Illi, stabbiliti l-prinċipji fuq esposti, li għandhom jirregolaw l-interpretazzjoni tat-testment fil-kwistjoni, hemm lok li jiġu eżaminati d-dispożizzjonijiet tat-testatur biex wieħed jara jekk hemmx xi waħda minnhom ambigwa li tista' tagħti lok għall-interpretazzjoni tagħha, billi jekk tonqos dik l-ambigwità, u d-dispożizzjoni per sè u kunsidrata mad-dispożizzjonijiet l-oħra hija ċara, ma hemm lok għall-ebda interpretazzjoni. "Quum in verbis nulla ambiguitas est, non debet admitti voluntatis quaestio" (L. 25, par. 1, D. De Legatis);

Ikkunsidrat;

Illi bl-ewwel dispożizzjoni t-testatur ħalla b'titolu ta' legat lill-appellat "la bottega............", u bit-tieni dispożizzjoni t-testatur b'titolu ta' legat ħalla lill-istess appellat "tutta l'armatura"............ Bit-tielet dispożizzjoni, dejjem b'titolu ta' legat, ħalla lill-appellat "tutto quello............"; u bir-raba' dispożizzjoni ħalla, b'titolu ta' legat, lill-appellat "la casa al Crendi............" taħt ċerti obligi. Dawn huma l-erba dispożizzjonijiet li fuqhom prinċipalment l-appellat irid jiddesumi dik l-ambigwità li għandha tagħti lok għall-interpretazzjoni tagħhom fis-sens minn, mitluba. Il-kliem ta' dawk iddispożizzjonijiet huma biżżejjed ċari; iżda l-appellat jippretendi li meħudin flimkien huma ambigwi, għaliex bl-ewwel dispożizzjoni l-fehma tat-testatur kienet biss dik li jħalli lill-istess appellat l-avvjament tal-ħanut tal-laħam, u bir-raba' dispożizzjoni l-proprjetà mhux biss tad-dar, iżda anki taż-żewġ ħwienet li oriġinarjament kienu jiffurmaw il-kmamar laterali tagħha;

Ikkunsidrat;

Illi kontra l-pretensjoni ta' l-attur appellat jikkonkorru r-raġunijet hawn miġjuba :—

1. Li bil-legat "della bottega ad uso di bottega da vendere carne" ma jistax jiftiehem li t-testatur ried iħalli lill-appellat biss l-avvjament jew in-negozju. Kieku kien hekk it-testatur kien jesprimi ruħu mod ieħor u mhux bil-mod fuq imsemmi, li juri ċar li l-legat kien jikkonsisti fil-ħanut adibit bħala ħanut għall-bejgħ tal-laħam;

2. Li, kif jidher mill-istess testment, iż-żewġ ħwienet u d-dar fuq imsemmijin kellhom numri differenti fuq Strada Parrocchiale tal-Qrendi, u l-ħanut in kwistjoni ma kienx komunikat mad-dar. Kieku t-testatur meta ħalla lill-appellat id-dar kien bil-fehma li f'dak il-legat kien qiegħed jikkomprendi ż-żewġ ħwienet, ma kienx sejjer isemmihom espressament..............;

3. Li bit-tielet dispożizzjoni.............; u għabekk fid-dispożizzjoni li għamel immedjatament wara, "della casa al Crendi, Strada Parrocchiale, numero 23", huwa ma setax jirriferixxi ħlief għal dik id-dar ta' l-abitazzjoni tiegħu, bħala distinta miż-żewġ ħwienet, li fuq l-oġġetti (armaturi) li kienu jinsabu fihom huwa ddispona b'legati oħra qabel;

4. Li minn żmien qabel it-testment iż-żewġ ħwienet ma kienux għadhom jiffurmaw il-kmamar laterali tad-dar, u kienu magħrufin..............;

Ikkunsidrat;

Illi l-Ewwel Qorti gibdet argument favur il-konklużjoni li għaliha waslet mill-istruttura tat-testment, jiġifieri li kien ikun aktar loġiku li d-dispożizzjonijiet rigwardanti l-proprjetà ikunu flimkien, jew wara xulxin............. Fuq dana l-argument għandu jiġi rilevat :— a) li mhux suffiċjenti biex jiġġustifika li jbiddel u jħassar il-kliem ċar tat-testment; b) li l-istruttura tat-testment tiddependi u tvarja skond l-abilità, l-inklinazzjoni u l-metodu ta' min ikun għamlu; c) li fil-każ in eżami ma hemm xejn irregolari u illoġiku f'dik l-istruttura meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-mentalità tat-testatur. Infatti, bħal ma hu naturali għan-nies tan-negozju, huwa l-ewwel ma ħaseb fil-ħwienet, u mbagħad fid-dar ta' l-abitazzjoni tiegħu u f'dak li kien hemm ġo fiha, u fl-aħħar fil-proprjetà immobiljari l-oħra tiegħu;

Ikkunsidrat;

Illi argument ieħor migjub fis-entenza appellata huwa dak li "kieku t-testatur ried jeskludi mid-dar il-kamra fejn hemm il-ħanut in kwistjoni, biex iħalli l-proprjetà tagħha bħala ħanut lil ħadd ieħor, fil-każ l-eredi tiegħu, ma kienx ikun hemm raġuni li ma jħallix l-armatura magħha, imma

għalli dik l-armatura lill-attur";

Fuq dan il-pont, kif jidher mill-verbal tat-22 ta' Jannar 1945 (fol. 50), l-appellat ammetta li dik l-armatura kienet minn dejjem tiegħu, u huwa wisq probabili li t-testatur għamel dik id-dispożizzjoni favur l-appellat biex jevita kwalunkwe kwistjoni li setgħet tinqala' fuq dik l-armatura bejnu u bejn ħuh Paolo Axiak, li kien qiegħed imexxi dak il-ħanut u li kellu l-liċenza favur tiegħu;

Ikkunsidrat;

Illi kwantu għaċ-ċirkustanza l-oħra li, jekk jiġi eskluż il-ħanut in kwistjoni, it-testatur iddispona mill-proprjetà immobiljari tiegħu kollha singolarment per mezz ta' legati, ma twassalx neċessarjament għall-konklużjoni li dak il-ħanut ma ġiex minnu msemmi għaliex kien ġa ddispona minnu. L-esklużjoni ta' dak il-ħanut mid-dispożizzjoni fuq imsemmija tista' ssib ir-raġuni tagħha fil-fatt li minn żmien qabel il-mewt tat-testatur dak l-istess ħanut kien immexxi in komun bejn l-appellant Paolo Axiak u l-appellat............ Kien hemm, għalhekk, raġun soda l-għala t-testatur ma ħalliex lill-appellat il-ħanut tax-xorb barra minn dak tal-laħam;

Ikkunsidrat;

Illi raġuni oħra mressqa mill-appellat favur it-teżi tiegħu hija dik li ma' tul is-sbatax-il sena li ilu mejjet it-testatur, l-appellanti qatt ma tħarrku biex jieħdu l-pretensjoni tiegħu. Iżda anki kieku kien hekk, l-iżball tagħhom ma jistax ibiddel il-kliem tat-testatur. Apparti minn dan, mix-xhieda ta' l-istess appellat.............. Kif kienu l-affarijiet, l-appellanti ma kellhomx għalfejn jitħarrku, u tħarrku biss wara li kellhom xi jgħidu ma' l-appellat u dan ippretenda li anki l-ħanut tax-xorb kien ġie mħolli lilu;

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet fuq miġjuba l-appell għandu jiġi milqugħ..............;

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-appell u tirrevoka fil-meritu s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fl-14 ta' Novembru 1944, billi tirrespingi t-talba miġjuba biċ-ċitazzjoni, u

tordna li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi ma jiġux taxxati bejn il-l-oppmendenti, iżda d-dritt tar-reġistru jitħallas mill-attur appellat. U hekk tirriforma s-sentenza li minnha hemm appell.

---